

# Knejjes fil-Ħamrun

Charles Camilleri

### Parroċċa San Gejtanu



Meta l-Ħamrun kiber ħafna, iż-żewġ knejjes antiki li kien hemm, dik tas-Samra u dik ta' Nuzzu, ma kienux biżżejjed għall-ħtiġiet tan-nies, u għalhekk bdiet tinbena knisja ġdida li, fuq xewqa tal-isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Gaetano Pace Forno, ġiet dedikata lil San Gejtanu ta' Thiene. L-ewwel ġebla tqiegħdet fit 13 ta' Ġunju 1869 u l-pjanta hija tal-perit Dr. Ġorġ Shinas. Il-knisja bdiet tintuża fl-1875 u saret knisja parrokkjali 1881. Giet ikkonsagrata fis-26 ta' Settembru 1930 mill-Isqof Dom Mauro Caruana u l-ewwel Kappillan kien Dun Furtunato Valletta.



### Knisja tal-Madonna tas-Samra

Din hija l-eqdem knisja fil-Ħamrun u tmur lura għall-1565. Fil-knisja hi meqjuma xbieha tal-Madonna ta' Atoċja, venerata fil-knisja tad-Dumnikani f'Madrid. Il-kopja nġiebet Malta minn Madrid fl-1631 u nbniet knisja għaliha fuq l-għolja ta' Braksja. Fil-bidu tas-seklu li għadda, il-knisja kienet tinżamm magħluqa. Iżda reġa' fetaħha San Ġorġ Preca. Kull ħmistax ta' kull xahar issir devozzjoni lil Madonna li kien bdieha San Ġorġ Preca stess u wara kompliha l-Kanonku Ġorġ Bonello. Il-parruċċani għadhom iqimu din id-devozjoni sal lum.

### Il-Kappella ta' Portu Salvu



Il-knisja hi dedikata lill-Madonna ta' Portu Salvu (magħrufa bħala ta' Tunozzu) u llum tissejjaħ Santu Nuzzu; infetħet għall-kult fl-1745 u għamlet żmien bħala viċi parroċċa għan-nies tal-inħawi, sakemm inbniet il-knisja ta' San Gejtanu. Fi żmien il-gwerra fid-dar ħdejha kienu rifuġjati l-patrijiet Tereżjani ta' Bormla wara li l-knisja u l-kunvent tagħhom intlaqtu mill-bombi. Fiha ssir Adorazzjoni Perpetwa mit-Tnejn sas-Sibt bejn it-8.00 u s-06.00pm.

### Il-Kappella tad-Duluri

Kappella oħra li qed taqdi l-parruċċani fil-Ħamrun speċjalment fiz-zona tar-Rabbat rat il-bidu tagħha ġo Triq Farsons fl 20 ta' Jannar 1951. Fl-1951 il-knisja bdiet bħala oratorju (ġo garaxx) għat-tagħlim tad-duttrina mill-membri tal-Leġjun ta' Marija f'post mogħti mid-ditta Farsons Brewery. Dan l-oratorju baqa jiffunzjona sat-18 ta' Diċembru 1982. Illum dan l-oratorju sar Kappella magħrufa tad-Duluri fuq id-disinn ta' Richard Aquilina. Din il-kappella saret taqdi il-parruċċani kollha speċjalment iż-żona ta' Rabbatt Estate u jsiru żewġ quddisiet kuljum u tlett quddiesiet il-Ħadd.



### Il-Knisja ta'San Franġisk t' Assisi

Fis-16 ta' Awissu, 1947, ftit Patrijiet Minuri Franġiskani ta' Ġieżu ġew jogħqodu ġewwa l-Ħamrun fejn fetħu kappella u kunvent ċkejken fi Triq Lord Byron għall-ħtiġijiet ta' dawk l-inħawi. Kif il-Ħamrun beda jikber dawn mill-ewwel ħassew il-ħtieġa li jkollhom knisja u kunvent xieraq. Wara ħafna taħbiet biex issibu biċċa art tgħodd għalihom, irnexxielhom jiksbu biċċa art li għandhom illum f'tarf Triq il-Franġiskani.

L-istill ta' din il-knisja hu kollu kemm hu still Franġiskan jew aħjar Ruman fejn fl-istess semplicita' tiegħu huwa modern. Maġenb din il-knisja hemm ukoll il-kunvent tagħhom. Il-pjanta tal-knisja hija tal-Kavalier Ġużè' Damato.



Fil 25 ta'Mejju 1955 il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Ta' min isemmi li fuq din il-knisja hemm statwa ta' San Franġisk b'idejh miftuħa beraħ.

**Knisja tal-Kunċizzjoni**

Meta niġu għall-istorja ta' din il-Parroċċa ma nistgħux ma mmorrux lura fis-sena 1920. Il-bidu ta' din il-knisja jmur lura meta Pawlu Burlo' mid-dar tiegħu fi Triq Vitale rama kappella żgħira għalih fejn anke, f'Mejju fl-1920 għamel festa sabiħa. Huwa żejjen id-dar tiegħu u għamel daqsxejn ta' banda. Maż-żmien kera mezzanin, dar ma' dar mat-terran li kellu biex dan sar oratorju fejn rama kappella akbar iddedikata lill-Kunċizzjoni u fil-kmamar l-oħra użahom biex ikun jista' jgħallem lit-tfal id-duttrina u jħejjihom għall-precett. Wara l-mewt ta' Pawlu Burlo', kompla x-xogħol tiegħu saċerdot żagħżugħ Dun Edgar Vella, bniedem ħabrieki u bieżel ħafna. Hekk kif il-poplu f'dawk l-inħawi beda jiżdied u ma baqax kollu għelieqi bħal qabel, dan Dun Edgar ġieħ il-ħsieb li tinbena Knisja. Ma kienitx faċli imma mimli kollu ħeġġa, Dun Edgar sab għalqa viċin l-oratorju bl-għajnuna tal-Arċisqof Gonzi biex iwettaq il-ħolma tiegħu.



Il-Pjanta saret mil-Kavallier Ġużè' Damato u fit-23 ta' Marzu,1958, tqiegħdet u tbierket l-ewwel ġebla ta' din il-Knisja mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Emmanuele Galea.

Sfortunatament Dun Edgar ma kellux ix-xorti li jara l-knisja lesta minħabba li miet ta' 43 sena. Ix-xogħol tkompla minn Dun Ġużepp Mifsud Bonnici li aktar tard sar l-ewwel kappillan tagħha.

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Awissu,1963, l-knisja nfetħet għall-parruċċani u ġiet imbierka mill-Isqof Emmanuele Galea u fl-1 ta' Lulju'1966 ġiet maħtura viċi-parroċċa mill-Isqof Gonzi meta l-istess Isqof aktar tard fl-1 ta' Jannar, 1968, waqqafha f'parroċċa.


AUDIO VIDEO CENTER
HI-FI TAPE CENTER

ALL TYPES OF REPAIRS



CAR STEREOS
INSALLATIONS

368, High Street,
Santa Venera

Tel: 21483199
Mob: 99495096
79495096

WWW.AUDIOVIDEOMALTA.COM

EMAIL:
AUDIO.VIDEO@MALTANET.NET